



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Mejju 2013
(OR. en)**

10637/13

**RECH 243
COMPET 418**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2013) 318 final
Suġġett:	Rapport tal-Kummissjoni lill-KUNSILL u lill-Parlament Ewropew dwar l- operazzjonijiet u t-twettiq tal-għanijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka kif stabbiliti fil-Programm Speċifiku "Ideat" fl-2012

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 318 final.

Mehmuż: COM(2013) 318 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2013
COM(2013) 318 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar l-operazzjonijiet u t-twettiq tal-għanijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka kif
stabbiliti fil-Programm Speċifiku "Ideat" fl-2012**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-operazzjonijiet u t-twettiq tal-għanijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka kif stabbiliti fil-Programm Speċifiku "Ideat" fl-2012

1. INTRODUZZJONI U BAŻI LEGALI

Il-kompitu ewlieni tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (KER), imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/134/KE¹, huwa l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku "Ideas" (Ideat), b'baġit kumplessiv ta' EUR 7.51 biljun.

Il-KER jikkonsisti f'Kunsill Xjentifiku indipendenti appoġġat minn struttura ta' implimentazzjoni ddedikata fil-forma tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-KER (ERCEA) li twaqqfet skont ir-reġim ġenerali tal-aġenziji eżekuttivi². Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-programm "Ideat" u għall-appoġġ tal-Kunsill Xjentifiku ġiet iddelegata lill-Aġenzija mill-Kummissjoni fl-2008 u nġatitilha l-awtonomija f'Lulju 2009.

F'konformità mal-Artikolu 4.4 u l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Speċifiku "Ideat", dan ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni, imfassal b'kooperazzjoni mal-Kunsill Xjentifiku tal-KER u l-Aġenzija Xjentifika tal-KER, jippreżenta l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-operat tal-KER u l-ksib tal-għanijiet tiegħu fl-2012. Dan ir-rapport huwa kkumplimentat b'rapport mill-Kunsill Xjentifiku dwar l-implimentazzjoni u l-kisbiet xjentifiċi tal-programm matul is-sena 2012³.

2. KWISTJONIJIET TA' STRATEĠJA

Il-Kunsill Xjentifiku huwa responsabbli mill-istabbiliment tal-istrateġija xjentifika tal-KER, inkluż l-istabbiliment tal-iktar dokument ta' strateġija importanti tal-KER, il-Programm ta' Ħidma annwali "Ideat".

2.1. Tipi ta' azzjoni

Żewġ skemi ta' għotja jiffurmaw il-qofol tal-Programm ta' Ħidma Ideat.

Għotjiet għad-Debuttanti, li jappoġġaw lir-riċerkaturi fl-istadju bikri tal-karriera tagħhom, bil-għan li jipprovdu kundizzjonijiet ta' xogħol li jippermettulhom isiru mexxejja indipendenti tar-riċerka.

¹ ĠU L 57, 24.02.2007, p. 14.

² 2008/37/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għall-ġestjoni tal-programm speċifiku Komunitarju Ideat fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L9, 12.01.2008, p. 15).

³ http://erc.europa.eu/sites/default/files/document/file/erc_annual_report_2012.pdf

Għotjiet għal Riċerkaturi Avvanzati, imfassla biex jappoġġaw mexxejja tar-riċerka importanti u stabbiliti billi jipprovdu r-riżorsi meħtieġa biex jippermettulhom ikomplu x-xogħol tal-gruppi tagħhom, billi jfittxu kisbiet sinifikanti ġodda fil-linja tar-riċerka tagħhom.

Opportunità oħra addizzjonali — *il-Prova tal-Kunċett* — hija offruta lid-detenturi tal-għotjiet tal-KER biex jistabbilixxu l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-ideat li ġej mill-proġetti ffinanzjati mill-KER tagħhom. L-iskema timmira li tkopri differenza fil-finanzjament fl-istadju l-iktar bikri tal-innovazzjoni.

Fl-2012, il-Kunsill Xjentifiku introduċa, fuq bażi pilota, l-*Għotjiet għas-Sinerġija*, indirizzati lil gruppi żgħar ta' investigaturi prinċipali u t-timijiet tagħhom. B'kuntrast mal-konsorzji, il-ħiliet kumplimentari, l-għarfien u r-riżorsi tagħhom, jippermettu lill-investigaturi individwali tal-miri tal-Għotjiet għas-Sinerġija, li jindirizzaw flimkien il-problemi tar-riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, u li jmorru lil hinn minn dak li jista' jikseb riċerkatur waħdu. L-Għotjiet għas-Sinerġija jsegwu l-approċċ strett ta' eċċellenza biss tal-KER u huma miftuħa għal proposti minn kull qasam tax-xjenza u boroż ta' studju.

2.2. Il-Programm ta' Ħidma għall-2012 għall-Programm Speċifiku "Ideat"

Il-Programm ta' Ħidma għall-2012 għall-Programm Speċifiku "Ideat" ġie stabbilit fil-21 ta' Marzu 2011 mill-Kunsill Xjentifiku u ġie adottat sussegwentement fid-19 ta' Lulju 2011 mill-Kummissjoni⁴.

Minbarra l-introduzzjoni tal-Għotjiet għas-Sinerġija, f'it saru aġġustamenti fl-istrategġija xjentifika u dawn jirrigwardaw ir-reviżjoni bejn il-pari: il-proposti interdixxiplinari issa huma evalwati mill-grupp indikat mill-applikant, bl-għajnuna ta' gruppi rilevanti oħra; u sistema ġdida ta' "punti" (A, B jew C akkumpanjati mill-grad tal-proposta) ġiet introdotta sabiex tipprovdi tagħrif aħjar li jinbagħat lill-applikanti.

2.3. Metodoloġija għal reviżjoni bejn il-pari

Il-KER juża struttura ta' gruppi ta' reviżjoni bejn il-pari ta' livell għoli li l-membri tagħhom jintgħażlu mill-Kunsill Xjentifiku u jinkludu xjenzati, inġiniera u studjużi mill-UE u lil hinn minnha. Dawn il-gruppi jkopru d-dixxiplini kollha tar-riċerka u huma organizzati f'qafas ta' tliet oqsma tar-riċerka ewlenin: Ix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija, ix-Xjenzi tal-Ħajja, u x-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi. B'konsistenza mas-sejħiet preċedenti, l-għadd tal-bordijiet għaż-żewġ skemi ta' għotja kien ta' 25. Il-proposti tal-Prova tal-Kunċett ġew evalwati minn grupp speċifiku ta' reviżuri bejn il-pari li ħadmu mill-bogħod. L-Għotjiet għas-Sinerġija ġew evalwati minn ħames gruppi differenti fi proċedura ta' evalwazzjoni f'2 stadji mfassla apposta għal dan l-għan.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

Fl-implimentazzjoni tal-Programm fl-2012, l-impjenji ta' iktar minn EUR 1.6 biljun (impenn globali) u l-ħlasijiet ta' EUR 871 miljun ġew eżegwiti b'mod sħiħ, u rappreżentaw 100 % tal-krediti operazzjonali tal-Programm Speċifiku Ideat għall-2012. Madwar 2.4 % tal-baġit operazzjonali ntefaq fuq l-amministrazzjoni.

⁴ C(2011)4961 tad-19.07.11, mhux ippubblikat

3.1. Għotjiet

Sa mill-Programm ta' Ħidma tal-2008, is-sejħiet tal-KER involvew proċess ta' applikazzjoni f'pass wieħed, fejn l-applikanti huma mitluba jressqu l-proposta kompluta tagħhom u evalwazzjoni f'żewġ stadji.

L-għotjiet jiġu offruti lill-aqwa proposti skont il-baġit disponibbli. L-offerta ssir abbażi tal-proposta nfisha u l-finanzjament irrakkomandat mir-reviżjoni bejn il-pari.

3.1.1. Għotjiet tal-KER għad-Debbutanti

Is-sejħa tal-2012 għall-Għotjiet tal-KER għad-Debbutanti ġiet ippubblikata f'Lulju 2011 b'baġit indikattiv ta' EUR 730 miljun (li jirrappreżenta żieda ta' 10 % meta kkumparat mal-2011). B'kollox waslu 4741 proposta mqassma skont il-qasam kif ġej: 2058 proposta fix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija (43%), 1653 fix-Xjenzi tal-Ħajja (35 %) u 1030 (22 %) fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi. Għall-finanzjament tressqu total ta' 566 proposta. Ingħataw aktar minn EUR 790 miljun b'għotja medja totali ta' madwar EUR 1.4 miljun.

Is-sejħa għall-Għotja għad-Debbutanti tal-2013 ġiet ippubblikata f'Lulju 2012 għall-applikanti li jikkwalifikaw bħala "debbutanti" (jiġifieri Investigaturi Prinċipali li jkunu ngħataw l-ewwel dottorat mill-inqas 2 u sa 7 snin mid-data tas-sejħa) b'baġit indikattiv ta' EUR 398 miljun. Tressqu total ta' 3329 proposta. 1486 fix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija, 1073 fix-Xjenzi tal-Ħajja u 770 fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, li jirrappreżentaw rispettivament 45 %, 32 % u 23 %. Tista' tiġi nnutata żieda żgħira iżda kostanti fit-tkabbir tas-sehem tal-proposti fix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija minn 41 % fl-2011 għal 43 % fl-2012 u 45 % fl-2013.

3.1.2. Għotjiet tal-KER għal Riċerkaturi Avvanzati

Is-sejħa tal-2012 għall-Għotjiet tal-KER għal Riċerkaturi Avvanzati ġiet ippubblikata f'Novembru 2011 b'baġit indikattiv ta' EUR 680 miljun. B'kollox waslu 2304 proposta mqassma skont il-qasam kif ġej: 978 proposta fix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija (42%), 773 fix-Xjenzi tal-Ħajja (34%) u 553 fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (24%). Il-proċess ta' evalwazzjoni ammonta għal total ta' 313 proposta miżmuma għall-finanzjament għal total ta' madwar EUR 720 miljun u għotja medja totali ta' madwar EUR 2.3 miljun.

Is-sejħa tal-2013 għall-Għotjiet tal-KER għal Riċerkaturi Avvanzati ġiet ippubblikata f'Lulju 2012 b'baġit indikattiv ta' EUR 662 miljun. Tressqu total ta' 2408 proposta. 1053 fix-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija, 788 fix-Xjenzi tal-Ħajja u 567 fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, li jirrappreżentaw b'mod rispettiv 44 %, 33 % u 23 %. Is-sehem tal-proposti tax-Xjenzi Fiżiċi u l-Inġinerija żdied minn 40 % fl-2011 għal 42 % fl-2012 u 44 % fl-2013.

3.1.3. Il-Prova tal-Kunċett tal-KER

Fl-ewwel sejħa għall-Prova tal-Kunċett (POC) fl-2011, ingħata total ta' 51 għotja, li minnhom it-22 finali, magħżula fi tmiem l-2011, tħabbru fi Frar 2012. L-ewwel 29 għotja tħabbru f'Ottubru 2011.

Fl-2012, ingħataw 33 għotja oħra tal-POC fl-iskadenza ta' Mejju u 27 oħra fl-iskadenza ta' Ottubru, u b'hekk il-POCs magħżula għall-għoti sa tmiem l-2012 kienu jgħoddu 111.

3.1.4. Għotjiet għas-Sinerġija

L-ewwel sejħa għal Għotjiet għas-Sinerġija attirat 710 applikazzjoni, li kienu evalwati wara proċedura ta' evalwazzjoni mfassla apposta għal dan l-għan. F'sejħa kompetittiva ħafna, f'Diċembru 2012 intgħażlu 11-il proġett biex jirċievu finanzjament sa 6 snin. L-Għotja għas-Sinerġija medja magħżula għall-finanzjament tiswa EUR 11.5 miljun u l-baġit totali allokati fl-2012 kien ta' EUR 126 miljun. Minħabba li kull proġett tal-Għotja għas-Sinerġija jinvolvi bejn tnejn u erba' Investigaturi Prinċipali, 38 riċerkatur brillanti qed jiġu appoġġati permezz ta' dawn il-11-il għotja. In-numru kbir ta' proposti riċevuti jixhed ħafna interess sostanzjali mill-Komunità Xjentifika għal dan it-tip ġdid ta' għotja.

3.2. Il-kooperazzjoni bejn il-KER u l-NSF

Fit-13 ta' Lulju 2012, Máire Geoghegan-Quinn, il-Kummissarju Ewropew għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u x-Xjenza, u Dr Subra Suresh, id-Direttur tal-Fondazzjoni Nazzjonali tax-Xjenza tal-Istati Uniti (NSF), iffirmaw "arranġament ta' implimentazzjoni" fil-qafas tal-Ftehim dwar Xjenza u Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti. Din l-inizjattiva hija mfassla biex tgħin liż-żgħażaġh bl-aqwa talent, fl-Istati Uniti u magħżula minn qabel mill-NSF, sabiex iqattgħu ftit żmien — bejn 6 u 12-il xahar — fl-Ewropa, ospitati bħala membri ta' timijiet tal-benefiċjarji tal-għotjiet tal-KER". Sal-lum, 2330 benefiċjarju tal-għotjiet tal-KER ġew ikkuntattjati u ġew riċevuti 760 tweġiba pożittiva. L-inizjattiva għandha l-għan li tgħaqqad lir-riċerkaturi b'interessi komuni u forzi komplementari fil-missjoni tagħhom biex jgħallaw il-fruntieri tax-xjenza u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn iż-żewġ kontinenti.

3.3. Il-Kumitat tal-Programm

Minbarra d-doveri formali tiegħu, il-Kumitat tal-Programm Speċifiku "Ideat" iservi bħala netwerk ta' komunikazzjoni importanti bejn l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati mal-FP7 (is-Seba' Programm Kwadru), il-Kunsill Xjentifiku, is-Segretarju Ġenerali tal-KER u l-Kummissjoni. Fl-2012, il-laqgħat ta' dan il-kumitat saru fit-18 ta' April u t-12 ta' Ottubru.

3.4. Analiżi etika

Fl-2012 tliet proposti li jinvolvu riċerka fuq iċ-ċelluli staminali tal-embrijoni tal-bniedem ġew approvati wara analiżi tal-etika u kisbu l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Programm Ideat. Mill-analiżi tal-etika għaddew tliet proposti oħra, u bħalissa qed jiġu kkunsidrati permezz tal-Kumitat tal-Programm Ideat.

3.5. Rimedju

Fl-2012, l-għadd totali ta' każijiet ta' rimedju naqas minn 234 għal 204 (- 13 %), minkejja l-fatt li fl-2012 l-għadd totali ta' proposti żdied b'21.24 %. Dan in-numru, li jirrappreżenta 2.58 % tal-proposti riċevuti, jindika xejra pożittiva għall-każijiet ta' rimedju, grazzi għat-titjib kontinwu tal-metodi ta' ħidma u konformità mal-proċeduri.

3.6. Komunikazzjoni

Fi Frar 2012, il-KER iċċelebra l-5 anniversarju tiegħu, okkażjoni biex jippreżenta l-kisbiet li kellu sa issa. L-avveniment ta' jumejn laqqa' flimkien lil dawk li jfasslu l-politika u l-benefiċjarji tal-għotjiet tal-KER. Tliet Kummissarji Ewropej, il-President tal-ITRE tal-Parlament Ewropew, il-Ministru tax-Xjenza Daniż li jirrappreżenta l-Presidenza tal-UE, u t-

tmexxija tal-KER kellhom l-opportunità li jisinghu r-riżultati tar-riċerka, stejjer ta' suċċess u, aktar importanti, l-pjanijiet għall-ġejjieni.

Fl-2012, il-Kunsill Xjentifiku nieda l-kampanja l-"KER isir Globali", immexxija mis-Segretarju Ġenerali tal-KER il-Professor Donald Dingwell. F'inqas minn sena, żar 26 belt f'9 pajjiżi u ta 70 preżentazzjoni. Fid-dawl ta' dawn iż-żjarat qed jitwaqqfu punti ta' kuntatt nazzjonali (NCP) u tnejn minnhom (il-Brażil, it-Tajwan) attendew il-laqgħa annwali tal-NCP fi Brussell f'Novembru. Il-KER kien preżenti għall-ewwel darba fil-Laqgħa Annwali tan-New Champions (magħrufa wkoll bħala Summer Davos) miżmuma fiċ-Ċina. Fl-Amerika ta' Fuq, il-KER attenda l-fiera tal-karrieri tal-NSF u l-fiera Ewropea tal-karrieri tal-MIT, il-konferenza mill-Assoċjazzjoni Amerikana għall-Avvanz fix-Xjenza (AAAS), u l-laqgħat annwali tal-Assoċjazzjoni Amerikana għar-Riċerka tal-Kankru, is-Soċjetà għan-Newroxjenza, l-Assoċjazzjoni Amerikana Antropoloġika u u l-Unjoni Ġeofiżika Amerikana.

Barra minn hekk għal inizzjattivi mmirati li jżidu l-viżibbiltà ta' opportunitajiet ta' finanzjament tal-KER fil-livell globali, il-KER żied il-preżenza tiegħu f'konferenzi xjentifiċi internazzjonali ewlenin, avvenimenti u esibizzjonijiet, kif ukoll fieri tal-karrieri u workshops fl-Ewropa. Il-President tal-KER, il-Professor Helga Nowotny attendiet il-Konferenza Ewropea ta' Eċċellenza 2012 f'Aarhus organizzata taħt il-Preżidenza Daniża u l-Konferenza Falling Walls f'Berlin. Membri tal-Kunsill Xjentifiku u persunal tal-ERCEA attendew konferenzi addizzjonali, fejn sessjoni tal-KER ġiet organizzata biex tinforma dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-KER: Il-konferenza tal-Forum Miftuħ tax-Xjenza Ewropea (ESOF) li ġiet organizzata f'Dublin, il-laqgħa tar-rebbieħa tal-Premju Nobel f'Lindau, il-Fiera tal-Karrieri tal-Impjiegi relatati man-Natura, il-Kongress Ewropew tal-matematika, biex insemmu biss xi ftit minnhom.

Il-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs), ibbażati mal-Ewropa kollha, li jservu bħala multiplikaturi tal-informazzjoni għal applikanti potenzjali, kienu jinżammu infurmati kontinwament dwar is-sejħiet tal-KER bil-posta elettronika, u permezz ta' laqgħat biannwali organizzati fi Brussell, f'Ġunju u f'Novembru.

Din is-sena, il-KER irċieva kopertura wiesgħa ħafna fix-xandir madwar id-dinja u fl-Ewropa, kemm bħala organizzazzjoni ta' finanzjament u permezz tal-proġetti ffinanzjati u detenturi ta' għotjiet tiegħu. Permezz tal-kampanja il-"KER isir globali", il-KER qawwa l-isforzi tiegħu f'relazzjonijiet internazzjonali mal-istampa, li rriżultaw f'aktar kopertura madwar id-dinja minn qatt qabel. L-avveniment importanti fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju tal-KER ġibed ukoll ħafna attenzjoni mill-midja. L-istess għamlet l-inizzjattiva tar-rebbieħa tal-Premju Nobel kontra tnaqqis possibbli fil-baġit tar-riċerka tal-UE, fejn il-KER ssemma bħala storja Ewropea ta' suċċess. Minbarra l-avvenimenti tal-medja organizzati matul is-sena, il-KER regolarment ħareġ stqarrijiet għall-istampa u aġġornamenti. Ġew ippubblikati bosta intervisti mal-President tal-KER, is-Segretarju Ġenerali tal-KER u l-membri tal-Kunsill Xjentifiku. Dawn l-attivitajiet għall-ġurnalisti rriżultaw f'għadd sinifikanti ta' artikli fl-istampa xjentifika u ġenerali (jissem mew aktar minn 2100). Rigward il-preżenza tal-KER fil-midja soċjali, fl-2012 ġie mniedi kont tal-Facebook u kont tat-Twitter. Il-KER għandu aktar minn 1 100 segwaċi fuq Facebook u aktar minn segwaċi 1 800 segwaċi fuq Twitter.

3.7. Monitoraġġ, Valutazzjoni u Evalwazzjoni tal-Programm Speċifiku "Ideat"

Flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt *ex-ante* tal-proposta tal-Kummissjoni dwar Horizon 2020, il-Programm ta' Qafas li jmiss għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, tħejjiet

evalwazzjoni tar-riżultati ewlenin tal-KER⁵. Is-sejbiet mis-sorveljanza kontinwa tal-programm jinkludu dan li ġej:

- Il-KER jgħodd ħames rebbieħa tal-Premju Nobel u tliet rebbieħa tal-medalji fost id-detenturi tal-għotjiet tiegħu. Total ta' 76 benefiċjarju tal-KER rċewew premijiet xjentifiċi prestiġġjużi internazzjonali oħra.
- Aktar minn 7900 artiklu li jirrikonoxxu l-finanzjament tal-KER dehru f'ġurnali ta' impatt qawwi analizzati bejn il-pari bejn l-2008 u l-2012.
- Kull benefiċjarju tal-KER jimpjega medja ta' sitt riċerkaturi oħra, u b'dan il-mod jikkontribwixxi għat-taħriġ ta' ġenerazzjoni ġdida ta' riċerkaturi eċċellenti.
- L-analiżi ta' kampjun sinifikanti ta' proġetti turi li madwar nofs il-membri tat-tim tal-KER nazzjonalità li huwa differenti minn dak tal-kumpanija investigatur prinċipali. Il-membri tat-tim tal-KER ġejjin minn 38 mill-41 pajjiż taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). Barra minn hekk, riċerkaturi ta' 55 nazzjonalità differenti 'l barra miż-Żona Ewropea tar-Riċerka huma preżenti fit-timijiet li qed jaħdmu fuq proġetti tal-KER, bl-Amerikani, iċ-Ċiniżi, l-Indjani u r-Russi jieħdu t-tmun f'idejhom.
- L-istess l-analiżi turi figuri pożittivi f'termini ta' bilanċ bejn is-sessi: madwar 37 % ta' membri tat-tim tal-KER huma nisa, li huwa sehem ogħla mill-għadd ta' Investigaturi Prinċipali nisa tal-KER (20 %). Il-maġġoranza ta' dawn in-nisa għadhom fil-bidu tal-karriera tar-riċerka tagħhom, u għalhekk dan jista' jittqies bħala sinjal inkoraġġanti ta' rappreżentanza aħjar tan-nisa fir-riċerka avvanzata fil-ġejjieni.

Finalment, fl-2012, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-KER se tkun temmet 3 snin ta' eżistenza awtonoma u bħalissa għaddejja minn evalwazzjoni esterna, li tinkludi analiżi tal-benefiċċju mal-ispiża. Ir-rapport ta' evalwazzjoni huwa mistenni fir-rebbiegħa tal-2013 u se jiġi mgħoddi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri.

4. STRUTTURA TAL-KUNSILL EWROPEW TAR-RIĊERKA

4.1. Il-Kunsill Xjentifiku

Tiġdid gradwali tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku se tidħol fis-seħħ fi Frar u f'April 2013. Il-Kumitat permanenti ta' Identifikazzjoni ippreżenta l-proposti tiegħu lill-Kummissjoni f'Lulju 2012 u r-rapport tiegħu⁶ ġie trażmess lill-Kunsill u lill-Parlament. Imsejsa fuq dawn il-proposti, il-Kummissjoni nnominat bħala membri ġodda tal-Kunsill Xjentifiku lil dawn li ġejjin: Il-Professor Klaus Bock (il-Fondazzjoni Nazzjonali Daniża għar-Riċerka), il-Professor Athene Donald (University of Cambridge), Dr Barbara Ensoli (Istituto Superiore di Sanità, Rome), il-Professor Nuria Sebastian Galles (Universitat Pompeu Fabra, Barcelona), il-Professor Reinhard Genzel (l-Istitut Max Planck għall-Fiżika Ekstraterrestri), il-Professor Dr

⁵ COM(2011) 809 finali, tat-30.11.2011

⁶

http://erc.europa.eu/sites/default/files/document/file/ERC_Identification_Committee_Final_Report_2012.pdf

Ing. Matthias Kleiner (University of Dortmund), il-Professur Eva Kondorosi (Hungarian Academy of Sciences) u l-Professur Dr Reinhilde Veugelers (KU Leuven)⁷.

Il-Kunsill Xjentifiku organizza 5 laqgħat plenarji fl-2012, li tnejn minnhom saru barra Brussell: f'Sofija (il-Bulgarija) f'April u f'Limassol (Ċipru) f'Ottubru. Is-sommarju tal-laqgħat plenarji huwa ppubblikat fil-websajt tal-KER⁸.

Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku ltaqgħu wkoll fi Gruppi ta' Ħidma (WGS) li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi: l-innovazzjoni u r-relazzjonijiet mal-industrija, l-internazzjonalizzazzjoni, il-bilanċ bejn is-sessi u l-aċċess miftuħ.

F'Lulju 2012, il-Kunsill Xjentifiku ħa pass ieħor biex isaħħaħ il-politika tiegħu dwar l-aċċess miftuħ, billi jinkoraġġixxi r-riċerkaturi ffinanzjati mill-KER li jużaw repożitorji speċifiċi għad-dixxiplini. Sa mill-ħolqien tiegħu, il-KER kien sostenitur qawwi tal-idea li l-firxa wiesgħa tar-riżultati tar-riċerka — inklużi pubblikazzjonijiet u dejta primarja — għandha ssir liberament aċċessibbli. Fl-2007, il-Kunsill Xjentifiku stabbilixxa linji gwida speċifiċi li jeħtieġu li kull pubblikazzjoni riveduta bejn il-pari u li ġejja minn proġetti ffinanzjati mill-KER tiġi ddepożitata mal-pubblikazzjoni f'repożitorji istituzzjonali jew tar-riċerka xierqa u sussegwentement issir liberament aċċessibbli fi żmien sitt xhur minn meta tkun ġiet ippubblikata.

Il-Kunsill Xjentifiku għandu żewġ Kumitati Permanenti, wieħed dwar ir-reviżjoni bejn il-pari u ieħor dwar il-kunflitt ta' interess u l-imġiba xjentifika ħażina u kwistjonijiet etiċi.

- F'Mejju 2012, Il-KER ipparteċipa f'Summit Globali dwar ir-reviżjoni (bejn il-pari) rigoruża f'Washington ospitat mill-Fondazzjoni tax-Xjenza Nazzjonali (NSF). Il-kapijiet tal-kunsilli tar-riċerka minn madwar 50 pajjiż qablu rigward sett ta' prinċipji ta' reviżjoni rigorużi u waqqfu l-Kunsill tar-Riċerka Globali (GRC).
- Abbażi tal-ħidma tal-Kumitat tiegħu dwar il-kunflitti tal-interess, l-imġiba xjentifika ħażina u kwistjonijiet etiċi, fil-laqgħa plenarja li saret bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill Xjentifiku adotta strateġija biex tiġi identifikata u meġhluha l-imġiba xjentifika ħażina dwar l-applikanti u l-proġetti tal-KER⁹. L-istrateġija tistituzzjonalizza x'kienet il-prattika tal-KER sa issa fit-trattament tal-imġiba xjentifika ħażina. Dan jiżgura li kull tħassib dwar imġiba xjentifika ħażina potenzjali jew ksur suspettat tal-integrità tar-riċerka fir-rigward ta' applikanti jew proġetti tal-KER se jiġu indirizzati mill-KER fil-qafas legali u proċedurali applikabbli għal aġenzija stabbilita fi ħdan il-qafas tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-laqgħat plenarji tal-Kunsill Xjentifiku u l-laqgħat tal-membri tiegħu mal-partijiet interessati tal-KER jitħejjew bl-appoġġ organizzattiv u amministrattiv tal-Aġenzija Eżekuttiva. L-Aġenzija ttipprovdi wkoll pariri u analiżi biex tgħin lill-Kunsill Xjentifiku jissodisfa l-kompiti tiegħu kif deskritt fl-Anness 1 għall-Programm Speċifiku Ideat, kif ukoll bħala appoġġ għall-attivitajiet operattivi tal-Gruppi ta' Ħidma u l-Kumitati Permanenti tiegħu.

Biex ikun żgurat iktar il-kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva, il-President u l-Viċi Presidenti tal-Kunsill Xjentifiku, is-Segretarju Ġenerali tal-KER u d-

⁷ C(2012) 9244 of 13.12.2012, OJ C 396 of 21.12.2012, p.30

⁸ <http://erc.europa.eu/about-erc/organisation>

⁹ http://erc.europa.eu/sites/default/files/press_release/files/ERC_Semisconduct_Strategy.pdf

Direttur tal-Aġenzija jiltaqgħu regolarment bħala l-Bord tal-KER. Għal dawn il-laqgħat jattendi wkoll il-maniġment superjuri tal-Aġenzija. Fl-2012, il-Bord iltaqa' fi Brussell 10 darbiet, partikolarment biex iħejji l-laqgħat tal-Kunsill Xjentifiku jew minħabba s-segwitu tagħhom.

4.2. L-Aġenzija Eżekuttiva tal-KER

Minn Lulju 2009, l-Aġenzija kienet responsabbli mill-aspetti kollha tal-implimentazzjoni amministrattiva u t-twettiq tal-programm kif stipulat fil-Programm ta' Ħidma.

L-operazzjonijiet tal-Aġenzija huma ssorveljati minn Kumitat ta' Tmexxija, maħtur mill-Kummissjoni. Huwa mmexxi mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni u bħala membri esterni jinkludi żewġ membri tal-Kunsill Xjentifiku. Fl-2012, il-Kumitat tat-Tmexxija organizza erba' laqgħat u adotta d-deċiżjonijiet relatati mal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Aġenzija, il-baġit u l-kontijiet, kif ukoll l-istruttura organizzattiva tagħha. Pablo Amor inħatar Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-KER fil-25 ta' Lulju 2012.

4.2.1. Il-Persunal tal-Aġenzija

Il-baġit operatorju tal-2012 ipprova pjan ta' stabbiliment ta' 100 aġent temporanju u baġit għal 281 persunal kuntrattwali u 8 esperti nazzjonali ssekondati, li ammontaw għal total ta' 389 aġent.

Fi tmiem Diċembru 2012, l-Aġenzija impjegat total ta' 380 aġent: 96 aġent temporanju, 275 aġent kuntrattwali u 9 esperti nazzjonali ssekondati.

L-istatistika ta' Diċembru 2012 turi li l-Aġenzija timpjega madwar 35 % rġiel u 65 % nisa. Fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi tal-persunal speċjalizzat ħafna (l-Aġenti Temporanji u l-Grupp ta' Funzjoni IV tal-Aġenti Kuntrattwali), 61 % tal-karigi huma okkupati min-nisa. Fi tmiem l-2012, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-KER impjegat ċittadini minn 26 Stat Membru.

5. KONKLUŻJONIJIET U PREVIŻJONI GĦALL-2013

Is-sena 2012 kellha diversi żviluppi sinifikanti għall-KER. Kienet ikkaratterizzata miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħames anniversarju tal-KER, it-tneċċija tal-kampanja “il-KER isir globali”, l-ewwel ftehim internazzjonali mal-Fondazzjoni tax-Xjenza Nazzjonali tal-Istati Uniti, Investigatur Prinċipali tal-KER jirbaħ il-Premju Nobel għall-Fiżika, u benefiċjarji tal-għotjiet tal-KER jipparteċipaw fil-laqgħa Summer Davos. Sa tmiem l-2012, il-KER kien temm għaxar sejħiet għall-proposti għal Għotjiet għad-Debuttanti u Għotjiet għar-Riċerkaturi Avanzati, żewġ sejħiet għall-Prova tal-Kunċett u waħda għall-Għotjiet għas-Sinerġija. Il-kompetizzjonijiet rendew total ta' iktar minn 34000 proposta li minnhom 3500 intgħażlu għall-finanzjament permezz ta' reviżjoni rigoruża bejn il-pari.

Is-sena 2013 hija mistennija bil-ħerqa għad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Orizzont 2020, inkluża żieda prevista ta' finanzjament għall-KER. L-istimulazzjoni tal-baġit tal-KER se tippermetti aktar riċerkaturi ta' kalibru għoli u l-ideat pijunieri tagħhom jkunu appoġġjati, u speċjalment biex riċerkaturi iżgħar jingħataw perspettiva fit-tul.

Żewġ żviluppi ulterjuri huma previsti fl-2013:

- Mill-2010, l-Għotja għad-Debuttanti, ġiet razzjonalizzata biex tippermetti lill-applikanti li jiġu kkumparati ma' riċerkaturi ta' livell simili. B'mod ġenerali, id-“Debuttanti” (minn 2 u sa 7 snin mill-ġhoti tad-dottorat tagħhom) għadhom fil-proċess li jistabbilixxu l-grupp tar-riċerka tagħhom stess, filwaqt li l-“Konsolidaturi” (minn 7 sa 12-il sena mill-ġhoti tad-dottorat tagħhom) ħafna drabi jkunu diġà qed jaħdmu mal-grupp tagħhom stess, iżda jkollhom bżonn jikkonsolidaw. Bħala żvilupp minn din il-prattika, u bħala tweġiba għall-għadd ta' applikazzjonijiet li qed jiżdied b'mod qawwi tal-Għotjiet għad-Debuttanti, il-Kunsill Xjentifiku se jintroduċi żewġ sejħiet separati fil-Programm ta' Hídma għall-2013¹⁰.
- F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force tal-KER, inkorporati fil-proposti tagħha għal Orizzont 2020, il-Kummissjoni waqqfet kumitat tat-tiftix indipendenti ta' livell għoli għall-President tal-KER li jmiss¹¹. Taħt l-inizjattiva Orizzont 2020, il-President tal-ERC se tiżgura wkoll li l-kompiti tas-Segretarju Ġenerali tal-KER, se jkunu bbażati fi Brussell u jiddedika l-biċċa l-kbira tal-ħin tiegħu għall-attivitajiet tal-KER. Il-kumitat tat-tfittxija, immexxi minn Lord Sainsbury ta' Turville, mistenni jirrapporta fil-ħin lill-Kummissjoni għall-ħatra tal-President tal-KER li jmiss mad-dħul fis-seħħ ta' Orizzont 2020.

¹⁰ <http://erc.europa.eu/documents/erc-work-programme-2013>

¹¹ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-1393_mt.htm